MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2020

Appell Inferjuri Numru 2/2019 LM

**Carmen Sacco (K.I. 162268M)**
*(l-appellata)*

***vs.***

**World Marketing Services Limited (C 15962)**
*(is-soċjetà appellanta)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata, hawnhekk "l-appellata" **World Marketing Services Limited (C 15962)** mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal") fil-25 ta' April, 2019 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata")

li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda li jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti, hawnhekk "l-appellata", **Carmen Sacco**, u ordna lis-soċjetà intimata tħallas l-ammont ta' seba' mitt Euro (€700) lir-rikorrenti filwaqt li ordna li l-pultruna mertu ta' dawn il-proċeduri tibqa' proprjetà tar-rikorrenti.

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrenti akkwistat pultruna bil-prezz ta' elfejn, erba' mija u għoxrin Euro (€2,420) mingħand is-soċjetà intimata, u wara li l-imsemmija pultruna kienet ilha fil-pussess tagħha diversi jiem, ilmentat li din kellha difett fil-parti ta' wara tagħha. Ir-rikorrenti talbet lis-soċjetà intimata tirrifondilha l-prezz li hija ħallset għall-akkwist ta' din il-pultruna.

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrenti xtrat pultruna mingħand is-soċjetà intimata sabiex din tkun tista' tintuża minn ommha, li dak iż-żmien kienet għadha kemm għamlet xi żmien rikoverata. Ir-rikorrenti qalet li dakinhar li saret il-konsenja ta' din il-pultruna fid-dar tagħha, il-pultruna la kienet f'kaxxa u lanqas kienet imgeżwra f'xi tip ta' plastik, u sussegwentement il-pultruna tpoġġiet fil-post. Spjegat li kien biss wara ftit ġranet li hija sabet qasma jew tiċrita fil-materjal ta' din il-

pultruna, u għalhekk hija ikkuntattjat lis-soċjetà intimata fejn ilmentat minħabba f'dan id-difett.

4. Is-soċjetà intimata ħadet il-pożizzjoni li l-ilment tar-rikorrenti ma setax jintlaqa' għaliex il-ħsara fil-materjal tal-pultruna saret wara li kienet saret il-konsenja. Intqal li fil-ħin li l-pultruna twasslet għand ir-rikorrenti, il-prodott ġie eżaminat bir-reqqa, u dak il-ħin ma nstab li kellu l-ebda difett. B'riferiment għat-talbiet tar-rikorrenti, is-soċjetà intimata wieġbet li l-fatti kif spjegati fl-avviż tat-talba ma jispjegawx it-talba, ma jiġġustifikawx l-ammont mitlub u ma fihom l-ebda riferiment għall-prodott akkwistat mir-rikorrenti. Ġie eċċepit li l-ħsara fil-pultruna seħħet wara li saret il-konsenja, meta l-pultruna kienet diġà fid-dar tar-rikorrenti, u l-ewwel darba li r-rikorrenti ilmentat dwar il-prodott, din allegat li l-ħsara qiegħda fejn ma tidhirx, u ħadd ma seta' jinduna biha, iżda wara li l-prodott ġie eżaminat minn rappreżentant tas-soċjetà intimata li mar fuq il-post, ġie stabbilit li l-ħsara li qiegħda tilmenta minnha r-rikorrenti hija waħda viżibbli ħafna.

5. Fix-xhieda tagħha quddiem it-Tribunal, ir-rikorrenti qalet li l-pultruna inkwistjoni twasslet fid-dar tagħha mingħajr kaxxa u mingħajr ma kienet miksija bil-plastik, u dak il-ħin id-*delivery persons* qalulha li r-raġuni għal dan kienet li din il-pultruna ma kinitx tgħaddi mill-bieb tar-residenza tagħha. Ir-rikorrenti qalet li difett ieħor li kellha din il-pultruna kien li din kienet tiċċaqlaq, iżda r-raġel tagħha kien irnexxielu jirranġa dan id-difett billi waħħal *washer* ma' waħda mis-saqajn.

## Id-Deċiżjoni Appellata

6. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fil-25 ta' April, 2019, it-Tribunal ikkonkluda li s-soċjetà intimata għandha tħallas seba' mitt Euro (€700) lir-rikorrenti, filwaqt li ordna li l-pultruna imsemmija għandha tibqa' proprjetà tar-rikorrenti, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**It-Tribunal***

*Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-18 ta' Lulju, 2018 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' elfejn, erba' mija u għoxrin euro (€2,420), rappreżentanti prezz ta' pultruna u wara li ġiet ikkonsenjata lir-rikorrenti, tlettax-il ġurnata wara ndunat li kien hemm qasma fuq wara.*

*Is-soċjetà intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.*

*Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjetà intimata li huma rappreżentanti tas-soċjetà intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;*

***Ikkunsidra s-segwenti:***

*Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat pultruna li kellha diversi problemi, fosthom kienet tiċċaqlaq u kellha qasma fuq wara, u li ndunat biha tlettax-il ġurnata wara. Illi r-rikorrenti qalet ukoll, li meta ġiet ikkonsenjata l-pultruna, din lanqas kienet fil-kaxxa u lanqas bil-plastik.*

*Is-soċjetà intimata ssottomettiet illi l-pultruna ġiet ikkonsenjata fi stat tajjeb u bla problemi, tant li aċċettatha, u li kien tlettax-il ġurnata wara li rat il-qasma u li allura l-probabbilità hi li għamlitha hi.*

*It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, qed jikkonsidra illi din il-pultruna ġiet ikkonsenjata b'diversi problemi, fosthom li kienet titbandal, tant illi t-Tribunal ordna li s-sieq kellha titranġa, u l-fatt illi tlettax-il ġurnata wara ndunat bil-qasma, jista' jagħti lok għal żewġ interpretazzjonijiet. Però t-Tribunal, qed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti, stante li fl-ewwel lok il-pultruna ġiet ikkonsenjata almenu jekk mhux*

*f'kaxxa, jmissha kienet fil-plastik, u din il-qasma tidher li ma saritx mir-rikorrenti u li kienet hemm mill-bidu.*

***Għal dawn il-motivi:***

*It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' seba' mitt euro (€700), b'dan illi l-pultruna tibqa' proprjetà tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet."*

## L-Appell

7. Permezz tar-rikors tal-appell intavolat fl-10 ta' Mejju, 2019, is-soċjetà appellanta talbet lil din il-Qorti,

*"... tħassar, tannulla u tirrexxindi d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (Malta) nhar il-25 ta' April 2019 fl-ismijiet* ***Carmen Sacco vs World Marketing Services Ltd*** *(Avviż Numru CCT/111/18/F) u dan billi tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha, u dan wara li jekk ikun il-każ tordna s-smigħ tax-xhieda tal-esponenti u/jew is-smigħ mill-ġdid tal-provi kollha tal-partijiet."*

Is-soċjetà appellanta spjegat li hija tħossha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal, u għalhekk ressqet appell minnha. Fl-ewwel lok intqal li proċeduralment it-Tribunal ma mexiex mal-prinċipji ta' ġustizzja naturali (*audi alteram partem*) u dan għaliex minkejja li s-soċjetà appellanta kellha diversi impjegati li xtaqu jixhdu quddiemu u li kienu qegħdin jistennew sabiex jiddaħħlu jixhdu, dawn baqgħu ma nstemgħux. Is-soċjetà appellanta tgħid li

wara li t-Tribunal sema' lir-rikorrenti tixhed, id-diretturi tas-soċjetà intimata infurmawh li kien hemm l-impjegati li għamlu l-konsenja li xtaqu jixhdu, iżda t-Tribunal irrifjuta li jisma' lil dawn ix-xhieda. Is-soċjetà appellanta qalet li l-pern tal-kwistjoni huwa jekk il-ħsara li qiegħda tilmenta minnha r-rikorrenti saritx qabel jew wara l-konsenja, u kemm hija kredibbli r-rikorrenti meta tgħid li l-prodott ikkonsenjat lilha kien difettuż mill-bidu, meta l-ilment tagħha sar tmintax-il ġurnata wara li saret l-imsemmija konsenja. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal ma kellux jiskarta l-validità ta' dawn ix-xhieda qabel instemgħu. L-appellanta qalet li bħala fatt lanqas ma kellu jirriżulta lit-Tribunal li l-konsenja tal-pultruna saret mingħajr ma din kellha kaxxa jew plastik protettiv. Spjegat li l-pultruna inkwistjoni ġiet ikkonsenjata fil-kaxxa tagħha u kienet ukoll miksija bi plastik protettiv, iżda l-kaxxa kellha titneħħa u titħalla fil-vann għaliex ma kinitx tgħaddi mill-bieb ta' barra tar-residenza tar-rikorrenti. Spjegat ukoll li l-plastik li kienet fih il-pultruna tneħħa wara li din iddaħħlet fid-dar tar-rikorrenti, u dak il-ħin il-pultruna inkwistjoni ġiet eżaminata, u ġie stabbilit mir-rikorrenti u minn persuni oħra li kienu magħha, li din ma kellha l-ebda difett apparenti. L-appellanta spjegat ukoll li mal-konsenja, il-pultruna ġiet eżaminata mhux biss mir-rikorrenti u mir-raġel tagħha, iżda anki minn qarib ieħor tagħhom li kien preżenti f'darhom, u mal-konsenja kienet ġiet murija kif din il-pultruna kienet tiffunzjona u kif wieħed għandu jieħu ħsiebha.

L-appellanta qalet ukoll li minkejja li jirriżulta li l-appellata ffirmat għall-konsenja tal-pultruna u ffirmat li din ma kellha ebda ħsara, it-Tribunal injora

dan il-fatt kompletament. L-appellanta spjegat li fl-ilmenti tagħha l-appellata dejjem insistiet li l-ħsara inkwistjoni kienet tinsab fejn ma tidhirx. Kien għalhekk, spjegat l-appellanta, li l-ewwel darba li sar l-ilment mill-appellata, kienet saret spezzjoni tal-pultruna fid-dar tal-appellata. Is-soċjetà appellanta spjegat ukoll li kienet saret investigazzjoni tal-ilment għaliex minkejja li l-appellata kienet diġà ffirmat li l-prodott kien twassal lilha fi stat tajjeb, meta sar l-ilment mill-appellata l-ewwel darba, din bdiet tinsisti li d-difett kien f'post fejn ma setgħetx tinduna bih qabel. Iżda meta s-soċjetà appellanta investigat, sabet li d-difett inkwistjoni kien f'post prominenti u fejn jidher, u għalhekk ikkonkludiet li l-ilment tal-appellata ma kienx sar *in buona fede.* L-appellanta qalet ukoll li għalkemm klijent jista' jiffirma għall-konsenja, jista' jkun li l-ħsara jew difett fil-prodott ma tkunx apparenti, u jeżistu ċirkostanzi fejn il-firma tal-aċċettazzjoni tal-prodott tista' titwarrab, iżda f'dan il-każ ma rriżultax li kienu jeżistu dawn iċ-ċirkostanzi.

Is-soċjetà appellanta żiedet tgħid li allavolja t-Tribunal ma semax ix-xhieda tal-impjegati li għamlu l-konsenja, mir-ritratti esebiti minnha kellu jirriżulta li l-ħsara hija waħda viżibbli u tinsab f'post prominenti fuq in-naħa ta' wara tad-dahar tal-pultruna. Sostniet li l-prinċipju ġenerali li jirregola sitwazzjonijiet bħal dawn huwa li fil-mument tal-konsenja tal-oġġett mibjugħ, ix-xerrej għandu jeżamina l-oġġett u jindika kwalunkwe ħsara dak il-ħin, peress li l-bejjiegħ m'għandux kontroll fuq il-ħsara li tista' ssir fuq l-oġġett wara l-konsenja. Iżda f'dan il-każ ladarba ġie stabbilit li l-ħsara li qiegħda tilmenta

minnha l-appellata tinsab f'post li jidher, il-konklużjoni li kellha tintlaħaq kienet li l-ħsara saret wara l-konsenja.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji tas-soċjetà appellanta, flimkien mas-sottomissjonijiet tal-appellata u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata.

*L-ewwel aggravju:* *Nuqqas ta' ħarsien tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali – senjatament il-prinċipju tal-*'audi alteram partem'

8. Is-soċjetà appellanta tgħid li l-proċeduri quddiem it-Tribunal ġew fi tmiemhom wara seduta ta' darba, fejn l-impjegati tagħha ma ngħatawx l-opportunità li jixhdu u dan minkejja li kienu preżenti fil-*waiting area* sabiex jagħtu d-depożizzjoni tagħhom, wara li t-Tribunal irrimarka li x-xhieda tagħhom ma kinitx ser tiswa għaliex ma kellhom xejn ta' rilevanza x'jgħidu dwar il-mertu tal-każ.

Dawn il-proċeduri nbdew wara li l-appellata xtrat pultruna mingħand is-soċjetà appellanta, saret il-konsenja tagħha, u xi ġranet wara l-appellata ilmentat li l-pultruna inkwistjoni kellha difett konsistenti f'qasma jew tiċrita li kien hemm fil-mument tal-konsenja. Dan l-ilment sar madwar tmintax-il jum wara l-konsenja

tal-pultruna fid-dar tal-appellata, li talbet lis-soċjetà appellanta troddilha flusha lura. Meta l-partijiet ma waslux għal ftehim li kien aċċettabbli għalihom, l-appellata pproċediet quddiem it-Tribunal, fejn talbet li s-soċjetà appellanta tiġi kkundannata tħallasha l-prezz tal-pultruna (€2,420). It-Tribunal wara li kkonsidra l-fatti li kellu quddiemu, ikkonkluda li l-oġġett kien difettuż fil-mument tal-konsenja, u għalhekk ikkundanna lis-soċjetà appellanta tħallas l-ammont ta' seba' mitt Euro (€700) lill-appellata, li min-naħa tagħha kellha tibqa' fil-pussess ta' din il-pultruna. Minn dak li ntqal waqt it-trattazzjoni li saret quddiem din il-Qorti, jirriżulta li s-soċjetà appellanta offriet li tibiddel il-parti difettuża tal-pultruna, iżda l-appellata rrifjutat dan.

9. Din il-Qorti tqis li l-proċeduri quddiem it-Tribunal ġeneralment ikunu dwar kwistjonijiet li jistgħu jiġu riżolti faċilment fi żmien relattivament qasir, u f'dan il-każ jirriżulta li kull wieħed mill-partijiet fil-proċeduri ngħata l-opportunità li jressaq il-pożizzjoni tiegħu, bir-rikorrenti tixhed quddiem it-Tribunal u bis-soċjetà intimata tressaq diversi provi dokumentarji in sostenn tal-pożizzjoni tagħha, fosthom ritratti li juru d-difett li lmentat dwaru l-appellata. Mill-provi jirriżulta wkoll li ġiet riservata seduta għall-provi tas-soċjetà appellanta, u għalhekk anki jekk l-impjegati tas-soċjetà appellanta ma ngħatawx iċ-ċans li jgħidu tagħhom waqt is-seduta, dawn setgħu jippreżentaw *affidavit* u ċertament ma kienx ser ikun hemm oġġezzjoni għal dan mit-Tribunal. Il-Qorti tqis li mill-atti ma jirriżultax li s-soċjetà appellanta b'xi mod ġiet imċaħħda milli tiddefendi l-każ tagħha kif suppost, jew li kien hemm fatti pertinenti għall-każ li

ma nġabux a konjizzjoni tat-Tribunal. Huwa għalhekk li din il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhux mistħoqq u qed tiċħdu.

*It-tieni aggravju: interpretazzjoni żbaljata tal-fatti*

10. Is-soċjetà appellanta tgħid li t-Tribunal emmen il-verżjoni tal-appellata meta din qalet li l-pultruna ġiet ikkonsenjata lilha mingħajr kaxxa u mingħajr plastik protettiv, meta dan ma kienx il-każ. L-appellanta tgħid li fil-fatt il-pultruna ttieħdet f'kaxxa, imma inħarġet mill-kaxxa u din tħalliet fil-vann li bih saret il-konsenja, għax il-kaxxa ma kinitx ser tgħaddi mill-bieb ta' barra tad-dar tal-appellata. L-appellata qalet ukoll li mhux minnu li l-pultruna ma kinitx miksija bi plastik protettiv, u l-allegazzjonijiet tal-appellata qegħdin isiru sabiex tingħata l-impressjoni li l-prodott ikkonsenjat kien *shop-soiled* jew difettuż. Is-soċjetà appellanta qalet li din il-prova setgħet issir biss mill-impjegati tagħha, li ma tħallewx jixhdu quddiem it-Tribunal, u għalhekk it-Tribunal effettivament silet konklużjoni wara li żamm lis-soċjetà appellanta milli tressaq il-prova tagħha.

11. Il-Qorti tqis li mill-atti ma tirriżulta l-ebda prova dwar l-istat li kienet fih il-pultruna inkwistjoni meta ġiet ikkonsenjata. L-ebda ritratt jew prova oħra ma ġew ippreżentati sabiex juru jekk il-plastik li allegatament kienet miksija bih il-pultruna tneħħiex fid-dar tal-appellata jew inkella jekk huwiex minnu li din il-pultruna ġiet ikkonsenjata lill-appellata mhux miksija bil-plastik. Iżda din il-Qorti hija tal-fehma li jekk l-appellata dehrilha li l-pultruna kkonsenjata lilha ma kinitx fi stat li hija taċċettaha, hija kellha l-jedd tirrifjuta l-konsenja malli l-pultruna

twasslet għandha. L-akkwist ta’ oġġett bħalma hija pultruna jew *loose furniture,* hija okkorrenza pjuttost mhux rari li persuna tgħaddi minnha tul ħajjitha, u għalhekk huwa mistenni li qabel ma persuna taċċetta l-konsenja ta’ oġġett bħal dan, hija għandha tiċċekkjah u tivverifika li ġie mwassal lilha f’kundizzjoni tajba, aktar u aktar jekk kif qiegħda tallega l-appellata, dan twassal għandha mingħajr ebda plastik protettiv u mingħajr ma kien f’kaxxa. Huwa aktar verosimili dak li allegat is-soċjetà appellanta, li meta l-pultruna twasslet għand l-appellata, din ġiet eżaminata mill-appellata u minn persuni oħra li kienu preżenti fid-dar tagħha dak il-ħin, u l-impjegati tas-soċjetà appellanta spjegaw lill-appellata kif taħdem il-pultruna u kif għandha tieħu ħsiebha. In vista ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li t-tieni aggravju tal-appellanta huwa ġustifikat u qed tilqgħu għaliex it-Tribunal ma messux aċċetta bħala veritiera s-sottomissjoni tal-appellata li l-pultruna kienet difettuża proprju għax ma kinitx f’kaxxa u miksija bil-plastik.

*It-tielet aggravju:* *l-appellata ffirmat li l-pultruna ġiet ikkonsenjata mingħajr ħsarat*

Is-soċjetà appellata sejset l-ilment tagħha fuq l-allegazzjoni li l-ħsara fil-pultruna kienet tinsab f’post fejn ma jidhirx. Jirriżulta li kif normalment isir waqt il-konsenja ta’ oġġetti bħal dawn, fil-waqt tal-konsenja l-appellata ntalbet tiffirma li kienet qiegħda tirċievi l-oġġett f’kundizzjoni tajba, mingħajr difetti jew ħsarat. Is-soċjetà appellanta qalet li għall-kuntrarju ta’ din l-allegazzjoni, il-ħsara li lmentat minnha l-appellata qiegħda f’post fejn jidher, u għalhekk ma jistax ikun

li din il-ħsara kienet hemm fil-mument tal-konsenja, meta dak il-ħin il-pultruna ġiet eżaminata minn kull min kien preżenti fid-dar tal-appellata. Il-Qorti rat ir-ritratti esebiti mis-soċjetà appellanta, minn fejn jirriżulta li huwa minnu li dik li qiegħda tiġi deskritta bħala 'tiċrita', li aktar tidher li hija selħa jew daqqa fil-materjal li hija ffurmata minnu l-pultruna, qiegħda f'post fejn jidher kull darba li wieħed jersaq lejn l-pultruna biex jużaha, jista' jara dan id-difett. Ċertament li ma jistax jintqal li dan it-tip ta' difett huwa wieħed latenti, għaliex huwa difett viżibbli ħafna. Anki d-deskrizzjoni tad-difett bħala 'tiċrita' m'għandhiex mis-sewwa għaliex qabel rat l-atti proċesswali u r-ritratti esebiti, il-Qorti kienet taħt l-impressjoni li ser tara tiċrita li hija riżultat ta' tiġbid fil-materjal li forsi mmaterjalizzat meta persuna poġġiet fuqha. Mir-ritratti iżda jirriżulta li dan mhux il-każ, u li l-ħsara inkwistjoni tikkonsisti f'daqqa li setgħet saret minn xi ħadd li kien fid-dar tal-appellata, jew meta l-pultruna inkwistjoni tressqet mal-ħajt u nbarxet b'xi ħaġa. Għandu għalhekk mis-sewwa l-aggravju tas-soċjetà appellanta li t-Tribunal ma messux injora l-fatt li mal-konsenja, l-appellata ffirmat li kienet qiegħda tirċievi l-oġġett f'kundizzjoni tajba, u huwa għalhekk li din il-Qorti qiegħda tqis li dan l-aggravju huwa mistħoqq u qiegħda tilqgħu.

*Ir-raba' aggravju:* *mir-ritratti jirriżulta li l-ħsara hi waħda viżibbli u tinsab f'post prominenti*

Il-Qorti m'għandhiex wisq x'iżżid mal-konsiderazzjonijiet l-oħra li diġà għamlet dwar dan il-każ. Mill-provi jirriżulta li huwa minnu li d-difett inkwistjoni huwa wieħed viżibbli, fattur dan li ma jagħtix wisq kredibbilità lill-allegazzjoni tal-

appellata li l-prodott kien diġà difettuż meta ġie ikkonsenjat lilha. Din il-konsiderazzjoni magħduda mal-fatt li l-ilment tal-appellata sar madwar ġimagħtejn wara li saret il-konsenja, kellhom iwasslu lit-Tribunal sabiex jirrifjuta t-talbiet tal-appellata, stante li l-allegazzjonijiet tagħha ma jirriżultawx ippruvati.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħad l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta stante li ma jirriżultax ippruvat, filwaqt li tilqa' l-aggravji l-oħra mressqin mis-soċjetà appellanta, u tirrevoka d-deċiżjoni appellata billi tiċħad it-talbiet kollha tal-appellata.**

**Spejjeż ta' dan l-appell u tal-proċeduri quddiem it-Tribunal, kwantu għal 75% għall-appellata u kwantu għal 25% għas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**